4 ta' Mejju 1953

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*

L-Onor Dr. A.J Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Kurunell Stephen J. Borg ne. *versus* Gustavo Romeo Vincenti, A.I.Ċ.

**Retratt — Konsangwineità — Komunjoni ta' l-Akkwisti — Simulazzjoni — Prova — Appell — Sentenza — Nullità — Xhieda — Stenografu — Art. 1510 (1) (b) u 1511 (1) u 1508 tal-Kodiċi Ċivili, u Art. 792 (c) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-jedd ta' l-irkupru bit-titolu tal-konsangwineità hu mogħti lill-qraba tal-bejjiegħ bid-demm; imma ma jikkompetix lill-qarib bid-demm ħlief meta l-fond mibjugħ kien ta' axxendent komuni sew tiegħu kemm tal-bejjiegħ, u meta, minn mindu kien ta' dak l-axxendent u sal-bejgħ li ta lok għall-irkupru ma ġie qatt trasferit lil persuna li ma kienetx nieżla minn dak l-axxendent.*

*Mhux biżżejjed li l-persuna li lilha jkun ġie trasferit il-fond f'dak l-intervall ma tkunx barranija għall-familja, imma hu meħtieġ li dik il-persuna, anki jekk mhux barranija, tkun nieżla minn dak l-axxendent.*

*Jekk it-trasferiment ikun sar lil mara miżżewġa weħidha, u mhux unitament ma' żewġha, it-trasferiment, għalkemm ikun sar fil-kors taż-żwieġ, u jkun għalhekk daħal fil-komunjoni ta' l-akkwisti, jibqa' dejjem li sar lil mara li ma hix nieżla mill-axxendent; u hekk, meta fl-intervall fuq imsemmi l-fond ikun ġie trasferit lill-mara li ma hix nieżla mill-axxendent, u għalhekk, meta fl-intervall fuq imsemmi l-fond ikun ġie trasferit lill-mara miżżewġa, anki fil-kors taż-żwieġ, imma mhux flimkien ma' żewġha, ikun hemm, għall-eżerċizzju tad-dritt ta' rkupru bid-demm, l-ostakolu tat-trasferiment tal-fond lil persuna li mhix nieżla mill-axxendent komuni.*

*Ir-rigur tal-liġi li tipprojbpixxi l-eżerċizzju tar-retratt għall-komodu ta' ħadd ieħor jinsab il-lum temperat fis-sens illi min jeżerċta r-retratt ġentilizju ma huwiex obligat iżomm għalih il-fond irkuprat, imma jista' jiddisponi minnu bi profitt wara li tkun saritlu r-rivendikazzjoni tiegħu; u dan anki jekk il-ħsieb tiegħu kien dan minn qabel ma eżerċita l-irkupru. Imma jekk huwa jkun ġà ftiehem minn qabel ma' ħadd ieħor li għandu jittrasferilu l-fond, allura jkun hemm in-nullità ta' l-irkupru. Is-simulazzjoni fil-materja ma hemmx bżonn tirriżulta minn provi diretti, imma huma biżżejjed indizji, li però jkunu tali li jirradikaw fl-animu tal-ġudikant il-konvinzjoni morali illi l-irkupru ġie eżerċitat mhux fl-interess tar-retraent, imma ta' persuna oħra.*

*Sentenza ma hix nulla għas-sempliċi motiv illi d-depożizzjoni ta' xhud meħuda bl-istenografu ma ġietx moqrija lix-xhud wara t-traskrizzjoni tagħha, u lanqas iffirmata minnu jew mir-Reġistratur. Dak il-fatt jista' biss ifisser illi s-sentenza tkun ħadet konsiderazzjoni ta' element probatorju li ma messux ġie meħud in konsiderazzjoni. Dan mhux wieħed mill-każijiet li fihom il-liġi tippermetti li tiġi sollevata n-nullità tas-sentenza. Barra minn dan, dik il-vjolazzjoni hija rimedjabili billi x-xhud jerġa' jissejjaħ.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza tagħha ta' l-14 ta' Novembru 1949, fejn jinsabu mniżżlin it-talbiet u l-eċċezzjonijiet rispettivi tal-partijiet, u li biha ġiet konfermata s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-4 ta' Mejju, 1949, bl-ispejjeż bla taxxa;

Rat is-sentenza l-oħra mogħtija minn dina l-Qorti fl-4 ta' Frar 1952;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-24 ta' Frar 1953, li biha (1) laqgħet l-ewwel talba ta' l-attur nomine,

fis-sens illi ddikjarat validu u legali r-retratt eżerċitat minnu in kwantu jolqot il-korp ta' bini msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, bil-esklużjoni tal-kwoti fuq imsemmijin; (2) irriżervat illi tipprovdi fuq it-tieni domanda tal-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż, jekk ikun hemm bżonn, wara illi dik is-sentenza ssir ġudikat; (3) laqgħet it-tielet domanda ta' l-attur nomine, billi kkundannat lill-konvenut jirrivendi lill-attur f'dik il-kwalità dak il-korp ta' bini b'esklużjoni ta' l-imsemmijin kwoti — liema rivendizzjoni għandha ssir fi żmien ħmistax il-ġurnata mill-jum tal-likwidazzjoni ta' l-ispejjeż leġittimi li seta' għamel il-konvenut in konsegwenza ta' l-akkwist, u barranin għal dawk ġa depożitati mill-attur *nomine* maċ-ċedola ta' l-irkupru, u ddikjarat illi, fil-każ illi din ir-rivendizzjoni ma ssirx fiż-żmien hekk imsemmi, allura għandha tkun kunsidrata bħala li saret b'effett ta' dik l-istess sentenza; u (4) ħalliet għal ġudizzju separat il-konjizzjoni u deċiżjoni relativa tar-raba' domanda. L-ispejjeż tal-kawża li saru s'issa, kompriżi dawk riżervati, u minbarra dawk ġa deċiżi, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu in kwantu għal kwart mill-attur nomine, u in kwantu għal tliet kwarti mill-konvenut. U minħabba fir-riżerva fuq imsemmija, magħmula għat-tieni domanda, ħalliet il-kawża "sine die", riappuntabili b'domanda verbali. Billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-kwistjonijiet li baqgħu biex jiġu deċiżi jirrigwardaw l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni mogħtija mill-konvenut, jiġifieri, l-ewwel waħda, kif ġiet limitata, jekk il-kwota ta' trenteżima parti li ġiet akkwistata minn Grace Borg, il-mara ta' l-attur, għandhiex tifforma parti mill-kwota li bih ġie eżerċitat l-irkupru, u t-tieni waħda jekk l-irkupru kienx reali u mhux simulat;

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel waħda minn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet;

Illi relativament għal din l-eċċezzjoni l-attur nomine, bin-nota tiegħu tat-3 ta' April 1952, iddikjara illi mill-korp ta' bini rkuprat huwa qiegħed jeskludi biss il-kwota appartenenti lill-wirt ta' Beatrice Apap, li hija 1/8, kif ukoll il-kwota appartenenti lil Bice Demartino, li hija 459/4640; imma jippretendi li huwa għandu dritt jirkupra l-kumplament, kompriża l-kwota

ta' 1/30 li akkwistat Grace Borg, il-mara tiegħu, mingħand ommu Virginia Borg. Il-konvenut, mingħajr preġudizzju ta' l-eċċezzjoni l-oħra tiegħu, jallega illi l-attur nomine ma għandux dritt ta' rkupru għall-kwota ta' 1/30 fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni, dwar dina l-eċċezzjoni, ħlief dik rigwardanti l-kwota ġa msemmija. Din il-kwota ta' 1/30 tal-fond fuq imsemmi kienet ta' Virginia Borg, omm l-attur, li b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle tat-12 ta' Ottubru 1944 assenjatha u ttrasferietha b'titolu ta' permuta lil Grace Borg, il-mara ta' l-attur, in kambju ta' fond li l-istess Grace Borg kienet akkwistat waqt iż-żwieġ tagħha b'donazzjoni mingħand missierha. Il-konvenut jallega illi b'dik il-permuta l-kwota ta' 1/30 ta' dak il-fond ħarġet mill-familja, mid-demm, ta' Borg, u marret għand Grace Borg, li mhijiex nieżla mill-axxendent komuni, u hija estranea "agnata", u mhux "konsangwinea", ta' dak l-axxendent komuni; b'mod illi Patricia u Helen aħwa Borg ma jistgħux jirkupraw dik il-kwota, minħabba fl-interruzzjoni tal-kontinwità li trid il-liġi, għall-finijiet tar-retratt ġentilizju, mill-axxendent komuni sa wara. L-attur nomine ma jikkontestax illi Grace Borg hija biss "agnata" tal-familja Borg, imma, billi hija akkwistat dik il-kwota fil-kors taż-żwieġ tagħha ma' l-attur, l-istess kwota għandha tiġi kunsidrata bħala li kienet u għadha fil-familja Borg, għaliex ma' l-akkwist tagħha dik il-kwota daħlet fil-komunjoni ta' l-akkwisti, li kap tagħha huwa l-attur, li huwa persuna tal-familja Borg, u hekk sar proprjetarju tagħha, u għandu jiġi kunsidrat li kien hu li akkwistaha mill-ewwel;

Illi l-pretensjoni ta' l-attur nomine ma tidherx sostenibili. Skond l-art. 1510(1)(b) tal-Kodiċi Ċivili, il-jedd ta' l-irkupru legali hu mogħti lil dawk li jkunu qraba tal-bejjiegħ mid-demm; u skond l-art. 1511(1) ta' l-istess Kodiċi, il-jedd ta' rkupru ma jmissx lill-qarib mid-demm ħlief meta l-fond mibjugħ kien ta' axxendent komuni sew tiegħu kemm tal-bejjiegħ, u meta, minn mindu kien ta' dan l-axxendent u sal-bejgħ li jkun ta lok għall-irkupru, ma ġie qatt trasferit lil persuni li ma kienux neżlin minn dak l-axxendent. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tal-liġi jimpurtaw illi r-retratt ġenti-

lizju ma jmissx lill-qarib mid-demm ħlief meta l-fond mibjugħ kien ta' axxendent komuni tiegħu kemm tal-bejjiegħ, u meta, minn mindu kien ta' dak l-axxendent sal-bejgħ li jagħti lok għall-irkupru, ma ġie qatt trasferit lil persuni li ma jkunx nieżlin minn dak l-axxendent. B'mod illi mhux biżżejjed illi l-persuna li lilha jkun ġie trasferit il-fond ma tkunx barranija għall-familja, imma hu meħtieġ illi dik il-persuna, anki jekk mhux barranija, tkun nieżla minn dak l-axxendent (Vol. XXXIII-II-129);

Issa, it-trasferiment b'titolu ta' permuta, tal-kwota fuq imsemmija, sar lil Grace Borg weħedha, u mhux unitament ma' żewġha, jiġifieri mhux lilha u lil żewġha flimkien; u għalhekk dik il-kwota, għad li ġiet trasferita lilha fil-kors taż-żwieġ tagħha, u hekk daħlet fil-komunjoni ta' l-akkwisti, ġiet akkwistata minn Grace Borg biss, u b'dak it-trasferiment il-kwota ħarġet mid-demm u l-familja Borg; għaliex Grace Borg, għalkemm mhijiex barranija minn dik il-familja, billi hija "agnata" tagħha, mhijiex ukoll nieżla mill-axxendent komuni li lilu kienet tappartjeni dik il-kwota. Mhux kontestat il-fatt illi Grace Borg, indipendentement jekk hija hijiex jew le barranija mill-familja Borg, ma hix nieżla mill-axxendent komuni. Kieku dak it-trasferiment sar favur Grace Borg u żewġha flimkien, allura kien jista' jiġi kunsidrat illi l-istess trasferiment sar lil wieħed dixxendenti u illi dik il-kwota baqgħet fid-demm u fil-familja Borg, għaliex, f'każ ta' bejgħ magħmul lil żewġ konjuġi li wieħed minnhom ikun dixxendenti minn dak li oriġinarjament kien proprjetarju tal-fond, it-trasferiment relativ ma għandux jiġi kunsidrat magħmul lil min mhuwiex dixxendenti (Vol. VII, 481; XXVI-II-422);

Illi b'dan il-mod l-attur, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, ma għandux dritt jirkupra dik il-kwota ta' 1/30 tal-fond, u d-dritt tiegħu ta' rkupru għandu għaldaqstant jiġi limitat għall-korp kollu rkuprat bl-esklużjoni ta' din il-kwota ta' 1/30, kif ukoll tal-kwoti minnu stess esklużi, jiġifieri ta' 1/8 ta' Beatrice Apap, u ta' 459/4640 ta' Bice Demartino;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni waħda mill-eċċezzjonijiet fuq imsemmija;

Illi l-konvenut jallega illi l-irkupru eżerċitat mill-attur nomine mhuwiex reali u mhuwiex magħmul għall-mandanti

tiegħu, imma simulat u magħmul fl-interess ta' ħaddieħor, bi ksur tad-dispożizzjoni tat-tieni paragrafu ta' l-art. 1508 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi r-retratt ma jistax jiġi eżerċitat għall-komodu ta' ħaddieħor, kif hu dispost fl-artikolu tal-liġi ġa msemmi; u kien hekk ritenut minn żmienijiet antiki, *kif jidher mis-sentenza* tas-Supremo Magistrato di Giustizia tal-31 ta' Awissu 1799. F-imgħoddi l-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna kienet wisq rigoruża, fis-sens illi kienet tipprojbixxi l-*eżerċizzju ta'* l-irkupru ta' fond lil min ikollu l-ħsieb li sussegwentement jiddisponi mill-fond irkuprat bit-tama ta' profitt. Fiż-żmienijiet reċenti, però, il-ġurisprudenza ammettiet *temperament*, u *ma* baqgħetx hekk severa, billi affermat illi min għandu d-dritt ta' retratt ġentilizju mhuwiex obligat iżomm għalieħ, anki għal mument wieħed, il-fond irkuprat; *kif ukoll illi*, wara li tkun saritu r-rivendizzjoni, ħuwa jista' jerġa' jiddisponi minnu bi profitt; ukoll jekk dan kien il-ħsieb tiegħu sa minn qabel ma huwa eżerċita l-irkupru. Imma *jekk huwa jkun ġa ftiehem ma'* ħaddieħor minn qabel illi għandu jittrasferilu l-fond, allura jkun hemm in-nullità ta' l-irkupru (Vol. XXXIII—I—432);

Illi l-interess fuq imsemmi ma hemmx *bżonn li jirriżulta* minn provi diretti, u hu biżżejjed li jirriżulta minn indizji u ċirkustanzi oħra. Iżda hu meħtieġ illi dawn l-indizji u dawn iċ-ċirkustanzi jkunu tali li jirradikaw *fl-animu tal-ġudikant* il-konvinzjoni morali illi l-irkupru ġie eżerċitat mhux fl-interess tar-retraent, iżda ta' persuna oħra (App. Ċiv. 27 ta' Ottubru 1952, "Lorenzo Micallef vs. *Filippo Cilia et.*");

Illi quddiem dawn il-prinċipji, paċifikament ammessi mill-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, l-allegazzjoni tal-konvenut mhijiex sostenibili. Infatti, *iċ-ċirkustanzi sottomessi* mill-konvenut biex bihom juri illi l-irkupru eżerċitat mill-attur nomine sar fl-interess ta' ħaddieħor, u mhux tal-mandant tiegħu, huma pjuttost indiretti, u ma *jirradikawx fl-animu* tal-ġudikant il-konvinzjoni morali fuq imsemmija, speċjalment quddiem ix-xhieda ta' Patricia u Helen aħwa Borg, li t-tnejn iddikjaraw illi ġew mgħarrfin li jistgħu jeżerċitaw dan id-dritt ta' rkupru, illi huma awtorizzaw lill-attur jeżerċita dak id-dritt f'isimhom, illi ma kien hemm ebda prekonċert bejnhom u xi persuna oħra biex huma jagħmlu l-irkupru ħalli *jittrasferixxu*

hu dik il-persuna l-fond retratt, illi huma jafu illi fl-aħħar mill-aħħar huma li għandhom iħallsu l-ispejjeż tal-kawża fil-każ li jitilfuha, illi huma rkupraw bil-ħsieb li jispekulaw l-art irkuprata u javvantaġġjaw ruħhom biha, u mhux jivvantaġġjaw lil ħaddieħor;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Vincenti, li appella mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ta' l-24 ta' Frar 1953, fuq imsemmija;

Rat il-petizzjoni tal-konvenut appellant, fejn talab li s-sentenza appellata ta' l-24 ta' Frar 1953 tiġi riformata, fis-sens illi tiġi konfermata fejn iddikjarat illi l-kwota appartenenti lill-wirt ta' Bice Apap, li hija 1/8, kif ukoll lil Bice Demartino, li hija 459/4640, u ta' Grace mara tal-Kurunell Borg, ta' 1/30, ħarġu mid-demm, u l-attur nomine ma għandux dritt jirkupra, u tiġi konfermata fejn ikkundannat l-attur nomine iħallas kwart ta' l-ispejjeż ta' din il-kawża, u billi tiċħad it-talbiet ta' l-attur nomine, tiddikjara illi l-irkupru eżerċitat mill-istess attur nomine mhux legali u validu, u hekk tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, fejn ikkundannat lill-esponent jagħmel ir-rivendizzjoni tal-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni għal dawk il-kwoti li mhumiex fuq esklużi, *tirrevoka* anki dik il-parti fejn ikkundannat lill-esponent iħallas l-ispejjeż tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti, u hekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-esponent illi l-attur *nomine* qiegħed jeżerċita l-irkupru fl-interess u per kommodo ta' ħaddieħor, ċjoè ta' l-istess Kurunell Stephen J. Borg personalment, u mhux bħala mandatarju tan-neputijiet tiegħu Helen u Patricia aħwa Borg; bl-ispejjeż ta' dawn iż-żewġ istanzi kontra l-appellat nomine;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-konvenut appellant, preżentata l-lum, li biha eċċepixxa n-nullità ta' l-imsemmija sentenza ta' l-24 ta' Frar 1953, peress li x-xhieda tal-perit Victor Grech, meħuda bl-istenografu, ma ġietx moqrija lix-xhud wara t-traskrizzjoni tagħha, u lanqas iffirmata minnu jew mir-Reġistratur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-fatt miġjub fin-nota ta' l-appellant jista' biss ifisser, se maj, li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni element probatorju li ma jmissħiex qieset. Barra minn hekk, l-eċċez-

zjoni tan-nullità hija biss sollevabili fil-każijiet ta' l-art. 792 Kap. 15, li ma jirrikorrux;

Jingħad, b'riferenza għall-paragrafu (c), li l-vjolazzjoni hi rimedjabili billi x-xhud jerġa' jissejjaħ;

Għalhekk;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità, bl-ispejjeż kontra l-appellant.